MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Talba Numru. 2805/2002

**Joseph Borg**

**Vs**

**David E. Arrigo**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1250 (elf mitejn u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti in kwantu Lm750 (seba` mija u hamsin lira Maltin) bhala rifuzzjoni ta' somma ta' xoghol li ma giex ezegwit u Lm500 (hames mitt Lira Maltin) bhala danni fuq il-vettura BBH 137.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ammont dovut ta' Lm1250 rappresentanti in kwantu Lm750 bhala rifuzjoni ta' somma imhallsa lill-konvenut ghal xogholijiet li huwa qatt ma ezegwixxa u in kwantu

ghal Lm500 bhala danni inkorsi mill-attur minhabba n-nuqqas tal-konvenut fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet li kellhom isiru fuq il-vettura BBH 137.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fl-10 ta’ Gunju 2002 u l-Mandat ta’ Qbid ippresentat kontestwalment.

Bl-ispejjes u l-imghax legali.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici hija kontestata.

L-attur kien inkariga lill-esponent biex jirrestawrawlu l-vettura bil-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni BBH 137 u hallas is-somma ta’ Lm750 akkont tal-prezz. Il-vettura ttiehdet ghand il-Jeep Garage u beda x-xoghol tar-restawrar. Il-vettura kienet aktar malandata milli originarjament mahsub u x-xoghol tar-restawrar jiehu hafna hin.

L-attur rega bdilu u minghajr ma informa lill-esponent minn jeddu rtira l-vettura tieghu minghand il-Jeep Garage.

Is-somma ta’ Lm750 imhallsa akkont, intefqet kollha fix-xoghol ta’ restawr li kien lahaq  gie esegwit qabel li l-attur irtira l-vettura tieghu kif fuq intqal.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi hawn si tratta ta’ talba ghal rifuzjoni ghal xoghol li skond l-attur kellu jsir, pero` spicca ma giex konkluz. Il-konvenut jikkontrobatti li sar dak li kien possibli u kulhadd spicca biex tilef l-interess.

Illi sabiex jaghmel xoghol ta’ restawr, kienet intalbet is-somma ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500). L-attur accetta u thallset nofsha. L-attur jippretendi li din is-somma tigi

rifuza, oltre hames mitt Lira (Lm1500) danni. Il-konvenut jallega li dawn il-flus ntefqu inkluz il-mija u ghoxrin Lira (Lm120) li thallsu lil Joseph Vella.

Dwar id-danni, l-attur jippretendi li ai termini tal-istima a Fol 18 (Dok D F 11), Joe Galea talab is-somma ta’ erba` mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm488). Pero` dana jikkonsisti ghal xoghol ta’ zmantellar u armar, inkluz magna u xoghol. Fl-istat li qieghda l-vettura maritu ta’ din il-kawza, dan ix-xoghol wahda irid isir. Allura li ma hemmx danni kagunati ghaliex ta’ dan ix-xoghol il-konvenut suppost kellu jaghmlu thallas tieghu pero` ma sarx. Ma jridx isir dopjament mill-attur ghalhekk m’hemmx danni.

Pero` a rigward tal-flus imhallsa akkont il-konvenut kellu jithallas tax-xoghol li suppost ghamel. Jirrizulta pero` li l-istima minnu maghmula a Fol 67 tal-process ma sarx. Tant hu hekk li hemm bzonn ta’ xoghol estensiv mill-istess Joe Galea. Ghalhekk ma kienx lok ta’ akkoljenza ghad-danni in vista li ser tigi akkordata rifuzjoni. Dana l-ammont, fil-waqt li l-konvenut hallas mija u tletin Lira (Lm130) li Joseph Vella tax-xoghol li l-konvenut zgur ghamel, pero` mhux daqs kemm qed jipprwetendi. Arbitrio et bono viri it-Tribunal jakkorda l-mija u ghoxrin Lira (Lm120). Meta tnaqqas il-mija u tletin Lira (Lm130) u l-mija u ghoxrin Lira (Lm120) mis-sebgha mija u hamsin Lira (Lm750) total, jibqa bilanc akkont tal-attur fis-somma ta’ hames mitt Lira (Lm500).

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ hames mitt Lira (Lm500) jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut sa dan l-ammont, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt Lira (Lm500) bl-ispejjes u interessi mis-26 ta’ Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------